**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 40 - Ad hoc**

IT-TLIETA 6 TA' MARZU 2012 FIL-5.50 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU (attenda fil-4.50p.m.) |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER (attenda fil-5.40p.m.) |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER (attenda mit-3.50 sal-5.00p.m.) |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I HATRA TA' AGENT SEGRETARJU EZEKUTTIV

i Is-Sindku nfurmat li s-Segretarju Ezekuttiv M. Pisani se tigi trasferita lura fis-Servizz Pubbliku fuq talba taghha. Hija pproponiet li tikteb immedjatament lill-Ministru biex sakemm timtela din il-kariga Ms. Pisani tigi mahtura Agent Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsillier F. Roe awgura kull success lis-SE u ssekonda lis-Sindku. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## II KOMMUNIKAZZJONI URGENTI MIS-SINDKU

i Is-Sindku rreferiet ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment biex il-Kunsill jimpjega zewg skrivani part-time. Hija qalet li dak iz-zmien kienet giet impjegata biss Clarissa Schembri. Is-Sindku pproponiet li nitolbu lid-Direttur biex japprova li minflok zewg part-timers tigi mpjegata skrivana full time biex Ms. Schembri tkun tista' timla din il-vakanza. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

ii Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ta' Ta' Xbiex gie l-ewwel post fil-GreenMT Awards fil-gbir ta' skart issepparat per capita. Hija rrappurtat ukoll li l-Kunsill gie fit-tieni post fil-gbir mis-settur kummercjali. Hija pproponiet li jergghu jitqassam pakett boroz grizi b'xejn lir-residenti. Il-Kunsill qabel ma dan.

iii Is-Sindku nfurmat li l-ELC ta madwar 250 qasrija biex jitqassmu lir-residenti biex izejnu l-gallarijiet u t-twieqi. Hija qalet li tqassmet cirkulari dwar dan lir-residenti kollha u s'issa numru kbir minn dawn il-qsari ngabru.

iv Il-Kunsill gie nfurmat li l-maintenance tal-komun tal-Highrise Apartments huwa Euro233 ghal Blk A u Euro125 ghal Blk B. Il-Kunsill approva l-pagamenti.

v Is-Sindku rreferiet ghat-talba li kien ghamel Casapinta biex itella' boatshow fil-Marina f'April li gej. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ma sab l-ebda oggezzjoni pero gie deciz li nitolbuh jikoordina mal-Ministeru minhabba x-xoghlijiet infrastrutturali li qed isiru f'din iz-zona.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Ezekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI URGENTI MIS-SINDKU (ikompli)

vi Is-Sindku qrat il-korrispondenza ta’ l-Avukat tal-Kunsill Dr. R. Fenech Adami dwar il-kaz tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-iskrivana A. Micallef. Hija qalet li ghaldaqstant xorta se tikteb lill-Ministru dwar dan.

vii Is-Sindku rreferiet ghall-korrispondenza li pprezenta l-Kunsillier E. Muscat fl-ahhar Laqgha dwar il-kaz ta’ l-ex Contract Manager. Hija qalet li din l-ittra qatt ma waslet fil-Kunsill u kompliet li l-anqas taghmel sens meta wiehed jiehu s-segwenza tal-korrispondeza li ghaddiet bejn iz-zewg avukati li kienu qed jirraprezentaw lill-partijiet

Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Muscat jghid kif u meta din waslet ghandu. Il-Kunsillier Muscat qal li l-ex Contract Manager ilu li tah din il-kopja u zammha ghandu biex jipprezentha fil-mument opportun. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din qatt ma giet ghandha u normalment meta tkun bil-leave, f’sitwazzjonijiet simili li jkunu ta’ natura urgenti. l-ittri mill-ewwel jinghataw lis-Sindku. Hija talbet li l-Kunsillier jghid ezatt meta rcieva din l-ittra. Il-Kunsillier Muscat qal li din giet fil-pusess tieghu meta beda’ l-kaz dixxiplinarju ta’ l-iskrivana. Is-Sindku qalet li dan ilu gimghat li beda’ u huwa nuqqas serju hafna l-fatt li, hekk kif il-Kunsillier Muscat akkwista din il-kopja, dan ma nfurmax biha mill-ewwel lis-Sindku jew ressaqha fl-ewwel laqgha tal-Kunsill. Hija regghet ikkonfermat li din l-ittra qatt ma ghaddiet ghandha.

**Il-Laqgha spiccat fis-6.30p.m. u sar aggornament ghal-nhar it-Tnejn 26 ta’ Marzu 2012 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv